**IT-TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**Ġudikatur**
**AVV. JULIANA SCERRI FERRANTE**

**Seduta tat-Tnejn, 29 ta' Mejju 2023**

**Talba numru 162/2022SFJ**

***Atlas Insurance PCC Limited (C5601) kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurata tagħha GasanMamo Insurance Limited***

***vs.***

***Kunsill Lokali San Ġiljan***

**It-Tribunal:**

Ra l-Avviż tat-Talba ppreżentat fit-30 ta' Mejju 2022 li permezz tiegħu s-soċjetà attriċi talbet li l-Kunsill konvenut ikun ikkundannat iħallasha s-somma komplessiva ta' disa' mija u ħamsa u disgħin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€995.88) rappreżentanti danni kkawżati fuq vettura assigurata magħha meta waqa' fanal fuq dik il-vettura, liema fanal kien ir-responsabilità tal-Kunsill konvenut;

Ra r-Risposta tal-Kunsill konvenut li permezz tiegħu talab li ssir prova tas-surroga u prova tad-danni allegatament subiti, kif ukoll eċċepixxa l-forza maġġuri;

Sema' ix-xhieda kollha, qara d-dokumentazzjoni kollha ppreżentata u ra li l-kawża tħalliet għas-sentenza għat-30 ta' Mejju 2023.

**<u>Konsiderazzjonijiet tat-Tribunal</u>**

Dwar il-forza maġġuri, fis-sentenza ***<u>Mizzi et vs. Paris et</u>*** (27 ta' Marzu 2009), il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet:

> "*Skont il-Liġi, l-Artikolu 1029 tal-Kap. 16, kull ħsara li tiġri b'aċċident jew b'forza maġġuri, ibatiha, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi li tgħid il-kuntrarju, dak*

> *illi fuq il-persuna jew il-beni tiegħu tiġri l-ħsara. F'każijiet bħal dawn min jallega li dak li ġara kien dovut minħabba forza maġġuri, jew casus għandu l-obbligu li jippruvah u dan sal-grad ta' probabbilità.*"

Imbagħad, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Inferjuri) ***Simonds Farsons Cisk plc vs. Mark Gerard Naylor et*** (6 ta' Ottubru 2010), ġie spjegat:

> "*Skond id-dottrina u l-gurisprudenza prevalenti l-kawza ghal liema d-debitur mhux imputabbli hi identifikata f'event straordinarju jew imprevidibbli. Dawn huma ezemplifikati fiz-zewg koncetti predominanti tal-kaz fortuwitu jew tal-forza magguri u li, ordinarjament, igibu l-impossibilita` tal-prestazzjoni u jiddeterminaw it-telf tal-haga li trid tinghata skond l-oggett ta' l-obbligazzjoni. Hekk, huwa konkordi illi "il caso fortuito e la forza maggiore e` l'evento non dipendente da azione od omissione volontaria o colposa, non prevedibile e almeno non evitabile" ("Publio Azzopardi -vs- Antonio Arcicovich et", Appell Civili, 14 ta' Novembru 1919). Li jfisser, illi l-kaz fortuwitu jew il-forza magguri ma jehilsux mir-responsabilita ghad-danni jekk ikunu preceduti minn htija ta' minn ikkaguna d-danni. (Ara "Caterina Bezzina -vs- Giorgio Grech et", Prim' Awla, Qorti Civili, 7 ta' Gunju, 1938), ghax allura jitlef in-natura tieghu ta' kaz fortuwitu jew ta' forza magguri, la darba seta' jkun impedut mid-debitur stess permezz tad-diligenza medja u ordinarja tal-bniedem normali li huwa kien obbligat li juza. Ara "Albert Borg Falzon proprio et nomine et -vs- Charles Darmanin proprio et nomine", Appell Kummercjali, 7 ta' Gunju, 1940.*"

It-Tribunal osserva li Cher Carmen Fenech, rappreżentant tal-Kunsill konvenut, kif ukoll Guido Dalli, li huwa s-sindku, xehdu li ma ssir ebda manutenzjoni.

Huma qalu li jekk il-Kunsill ma jirċevix rapport dwar xi ħaġa, ma jaġixxix. Dan irendi applikabbli t-tagħlim suddett, fis-sens li ladarba ma ġietx użata almenu diliġenza medja u ordinarja li bniedem normali kien obbligat li juża, ma jistax imbagħad dak il-bniedem jeċċepixxi l-forza maġġuri meta jkun hemm problema.

Kienet tkun storja oħra kieku l-Kunsill konvenut ġab prova li kienet issir manutenzjoni regolari u li l-fanal u s-*supporting structure* ma kellhom ebda sadid u kienu strutturalment sodi iżda xorta waħda, bil-maltemp tal-ġurnata relattiva, il-fanal waqa' minn fejn kien. Kieku kien hekk, id-difiża tal-forza maġġuri kienet tirnexxi.

F'dan il-każ, għalkemm huwa ppruvat li kien hemm riħ partikolarment qawwi fil-ġurnata in kwistjoni, dan ma kienx il-kawża diretta tal-inċident, iżda kif jgħid l-Ingliż, *the straw that broke the camel's back*. Il-fanal kien ilu aktar minn sentejn priv minn kull manutenzjoni u fl-aħħar ma felaħx iżomm aktar

F'każ fejn ma saret assolutament ebda manutenzjoni u lanqas deher li kien hemm ħeġġa biex issir manutenzjoni, id-difiża tal-forza maġġuri ma tistax tirnexxi u għalhekk it-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet tal-Kunsill konvenut qed jiġu miċħuda.

It-Tribunal josserva li l-prova tas-surroga saret tramite l-affidavit ta' Lyndsey Vella (fol. 33) u għalhekk jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel eċċezzjoni tal-Kunsill konvenut.

Il-ħsarat ikkawżati lill-vettura relattiva jirriżultaw ċari mir-ritratti u fil-fatt, ir-ritratti juru wkoll il-fanal li waqa' eżattament ħdejn il-vettura. M'hemmx bżonn xi analiżi dettaljata sabiex wieħed jara li fil-fatt, id-dannu seħħ kif deskritt.

Għalhekk, it-Tribunal jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni eċċezzjoni tal-Kunsill konvenut.

It-Tribunal iqis ukoll li mis-*survey report* huwa evidenti li l-*quantum* tad-danni ġie ppruvat.

**<u>Deċide</u>**

Għaldaqstant, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi din l-azzjoni billi:

i. Jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel u t-tieni eċċezzjonijiet tal-Kunsill konvenut filwaqt li jiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet; u

ii. Jilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-Kunsill konvenut sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' disa' mija u ħamsa u disgħin Ewro u tmienja u tmenin ċenteżmu (€995.88) bl-imgħax legali kalkulabbli b'rata mhux ogħla mir-rata massima li tippermetti l-liġi, u dekorribbli mill-11 ta' April 2022 sad-data tal-pagament effettiv, u jikkundanna lill-Kunsill konvenut iħallas lis-soċjetà attriċi l-ispejjeż kollha konnessi mal-ittra uffiċjali msemmija fl-Avviż tat-Talba;

It-Tribunal jordna li l-ispejjeż ta' din l-azzjoni għandhom jitħallsu mill-Kunsill konvenut.

**Avv. Juliana Scerri Ferrante**
**B.A., L.P., Mag. Iur. (Int. Law), LL.D.**
**Ġudikatur**